ŻURRIEQ

# Kunsill Lokali Żurrieq

## Rapport Annwali Amministrattiv
## għal-ewwel sena tal-leġislatura
## tas-seba' Kunsill Lokali

## Jannar, 2012 - Diċembru, 2012

*Tema: Inkattaru l-Impenn tagħna għal Żurrieq Aħjar*

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 2 |
| Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill | 3 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 10 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 11 |
| Ir-Rapport tal-Awdituri Lokali u l-Istqarrijiet Finanzjarji | 16 |

Sena oħra ta' suċċess. Hekk nirrimarka fuq is-sena li qed jitratta r-Rapport Amministrattiv għaliex il-Kunsill kompla jwettaq ġid għar-residenti kollha tiegħu. Din is-sena tal-Kunsill kienet waħda nteressanti fejn ħejjejna bil-quddiem diversi proġetti li rridu nwettqu sa tmiem il-leġislatura, fejn irridu wkoll naraw li l-wegħdi li saru minn diversi Ministeri tal-Gvern Ċentrali jitwettqu.

Wettaqna xogħlijiet f'kull responsabilita li tagħtini l-liġi u wettaqna ħidma soċjali bla waqfien sabiex kull familja fiż-Żurrieq tħossha tgħix fl-lokalita li qed tiżviluppa mal-pass tal-progress.

Il-wegħda tagħna għal Żurrieq aħjar inkomplu naħdmu fuqha għaliex dak hu id-dmir tagħna kif ukoll għaliex dejjem hemm il-ħtieġa ta' iktar żvilupp fl-infrastruttura u dejjem aktar aspirazzjonijiet taċ-ċittadini tagħna li jridu jintlaħqu.

Irrid intemm din l-introduzzjoni billi nirringrazzja lill-Kollega Viċi Sindku u lill-Kunsilliera kollha, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha għall-ħidma bla waqfien sabiex dan ix-xogħol kollu seta jsir.

Ignatius Farrugia
Sindku
Diċembru 2012

## 2.1 Il-Kunsill

Din il-leġislatura bdiet f'April 2012, il-Kunsill kien kompost minn ħdax –il Kunsillieri, b'Sindku u Viċi-Sindku. Kull wieħed għandu r-responsabilita ta' kumitat u/jew sotto kumitat. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet mogħtija lilha bl-Att XV ta'l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexija mis-Segretarju Eżekuttiv li għandu erbgħa uffiċjali jassistuh minbarra numru ieħor ta' esperti bħal perit, konsulenti u contract managers fost l-oħrajn. Fi ħdan il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq hemm inkorporat Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li hu kompost minn 5 membri – c-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-Membri Annetto Bugeja, Joseph Caruana u Joseph D'Amato.

Il-Kunsillieri flimkien ma' l-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddija lilhom fi ħdan il-Kunsill kienu:

Ignatius Farrugia – Amministrazzjoni, Negozji, Komunita' Kummerċjali, Media, Finanzi, Toroq u Proġetti u għaqdiet fir-raħal

Vici Sindku Rita Grima – Saħħa, Servizzi Soċjali, Persuni b'diżabilita', familji

Kunsillier Rita Bellizi – Attivitajiet tal-anzjani, korsijiet tal-crafts u arti

Kunsillier Joseph D'Amato - Kultura u turiżmu u assistenza mas-Sindku fuq Toroq u Proġetti

Kunsillier Dr Claudio Zammit – Liġi, Ġemellaġġi, IT

Kunsillier Dino Bonnici – Mepa u Sports.

Kunsillier Vincent Anthony Marmara – Żgħażagħ, Edukazzjoni u Fond tal-Ewropa

Kunsillier Raymond Grixti – Enerġija u ilma, Sistema tat-traffiku u Sinjali fit-toroq, devoluzzjoni tad-dawl tat-toroq, servizzi u upkeep tat-toroq.

Kunsillier Pierre Farrugia – Attivitajiet Prinċipali u assistenza mas-Sindku fuq Toroq u Proġetti

Kunsillier Saverina Farrugia – Ġonna Pubbliċi, Drittijiet tal-annimali

Kunsillier Kevin Sam Farrugia – Proġetti tal-Ewropa, Indafa Pubblika u Trasport Pubbliku

**Is-Segretarju Josianne Cilia Mumford:** Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju
**Is-Sinjura Francesca Camilleri**: Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani
**Is-Sinjura Charmaine Atanasio**: Sezzjoni Finanzi u Akkwist ta' Servizzi
**Is-Sinjura Maria Briffa Callus**: Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti
**Is-Sinjura Mary Aquilina**: Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti

## 2.2 Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill

Bejn l-1 ta' April, 2012 u l-31 ta' Diċembru 2012 inżammu għaxar laqgħat tal-Kunsill li l-attendenza għalihom kienet:

| | Preżenti | Skużati | Assenti |
|---|---|---|---|
| **Is-Sindku Ignatius Farrugia** | 9 | 1 | 0 |
| **Il-Vici Sindku Rita Grima** | 9 | 1 | 0 |
| **Il-Kunsillier Rita Bellizi** | 10 | 0 | 0 |
| **Il-Kunsillier Joseph D'Amato** | 9 | 1 | 0 |
| **Il-Kunsillier Claudio Zammit** | 8 | 2 | 0 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Il-Kunsillier Dino Bonnici** | 10 | 0 | 0 |
| **Il-Kunsillier Vincent Anthony Marmara** | 10 | 0 | 0 |
| **Il-Kunsillier Raymond Grixti** | 8 | 2 | 0 |
| **Il-Kunsillier Pierre Farrugia** | 10 | 0 | 0 |
| **Il-Kunsillier Saverina Farrugia** | 10 | 0 | 0 |
| **Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia** | 10 | 0 | 0 |

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Is-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru, 2012 kienet waħda kkaratarizzata minn dawn il-fatturi:

Meta wieħed jagħti ħarsa lejn id-dħul u l-infiq tas-sena tar-rapport, id-dħul kienet maqsuma hekk:

94.7 % mingħand il-Gvern Ċentrali
4.9% mis-sistema tal-infurzar tal-liġi
0.4% mill-Investimenti u dħul ieħor

Filwaqt li n-nefqa matul l-istess perjodu kienet maqsuma hekk:

10.5% fl-Onoraria tas-Sindku u s-Salarji tal-Impjegati
45% f'xogħlijiet ta' manutenzjoni u amministrazzjoni
44.5% fi proġetti kapitali

L-akbar nefqa ta' manutenzjoni u amministrazzjoni kienet dovuta l-aktar fuq kuntratti ta' tindif u mantenzjoni ta' toroq.
Is-sena finanzjarja ntemmet b'bilanċ favorevoli fil-bank ta' €401,569 – imma trid tqis li hemm ammont kbir ta' cheques mhux imsarfa.

## 3.2 Il-Ħidma tal-Kunsill

Il-Kunsill kien impenjat f'dawn ix-xogħlijiet :

- Tiswijiet u manutenzjoni ta' toroq, bankini, lampi u sinjali u marki tat-traffiku.
- Tindif ta' toroq urbani u mhux urbani, tindif madwar il-BIS, qtugħ ta' ħaxix
- Tingħata informazzjoni u għajnuna fuq kull xorta ta' għajnuniet u servizzi soċjali.
- Inxtraw ammont ta' kotba bl-għajuna minn donazzjoni mogħtija mill-HSBC u mill-Gvern Ċentrali.
- Tkomplew isiru korsijiet tal-ECDL u E tfal mit-TCTC u tagħlim tal-lingwa Ingliża, Maltija u Matematika, f'Dar Mattia Preti.
- Saru korsijiet fil-bizzilla u monaster.
- Saru attivitajiet għal okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq fosthom quddiesa, tpoġġew fjuri quddiem il-monumenti, fun run u attivita' mużikali fejn kienu nvoluti l-każini tal-baned tar-raħal.

- Saru tabelli f'kull ġnien bl-isem il-ġdid tagħhom u sinjali li ma jistax isir tipjip fihom.

- Twaħħlu 4 fanali fi Triq Pietru Pawl Saydon u Triq Dun Guzepp Zammit
- Saru lampi tad-dawl solari fi trejqa bejn Triq P P Pullicino u Vjal il-Blue Grotto
- Saru attivitajiet tal-anzjani li kienu maqsuma f'mawriet għall-Sqallija, dinner dances u ħarġiet kulturali u żjarat lill-anzjani fiċ-ċentri ta' matul il-jum/lejl għall-anzjani.
- Żjarat lill-anzjani fid-djar tal-anzjani.
- Tqassmu darbtejn boroż għall-ġbir tal-iskart reċiklat u qed ikollna wkoll ġabra speċjali għall-ħġieġ.
- Reġa ttella' ħajt li kien waqa' fejn il-banka tal-lottu tan-Nigret.
- Qed isiru taħdidiet biex isiru lezzjonijiet taż-Żumba u Jujitzu
- Saret attivita maż-Żurrieq Futsal
- Saret manutenzjoni fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.
- Saret manutenzjoni tal-arblu ta' fuq il-bejt tal-Uffiċċju tal-Kunsill.
- Ġie ffirmat ftehim għal kors tal-pirotekknika, trobbija tal-annimali u organic farming.
- Il-Kunsill ospita delegazzjoni minn San Marino.
- Tkompla l-proġett ta' Ħal Millieri
- Saru mobile toilets waqt ix-xogħlijiet li saru fil-ġnien tal-Ġibjun.
- Saret applikazzjoni mal-Mepa biex issir canopy quddiem l-entratura tal-iskola primarja taż-Żurrieq biex tilqa' l-elementi naturali għat-tfal.
- Qed issir manutenzjoni tal-funtana ta' Vjal il-Blue Grotto.
- Is-Sindku attenda għal protesta li ssir kull sena fil-belt ġemellata maż-Żurrieq – Morphou f'Ċipru
- Sar youth Exchange seminar fil-Polonja.
- Saret talba għad-devoluzzjoni ta' biċċa art fi Triq Gervase Matthew.
- Saret skola sports bl-għajnuna taż-Żurrieq Wolves.
- Saru dog bins fiċ-ċentru tar-raħal, fi Triq il-Wied, viċin Ġnien il-Bennej u fejn il-Berġa tas-saħħa.
- Saru railings tal-ħadid fi Sqaq il-Fjuri u fit-taraġ fi Triq Matteolo Saliba ma' Triq Bronja.
- Saret attivita' ta' fund raising għat-tfal tas-sorijiet tan-Nigret.

- Sar proġett ta' rijabilitazzjoni tal-HOS tan-Nigret.
- Sar servizz ta' wifi b'xejn fil-HOS tan-Nigret u fi Ġnien il-Bennej
- Sar street party fi Triq Carlo de Giovanni Inglott.
- Qed tintrama l-Mitħna tax-Xarolla b'għamara antika.
- Sar reklam għaż-Żurrieq fuq il-paġna 'My destination'.
- Il-Kunsill issieħeb mad-Dog Trust biex jiġu neutered l-annimali fiż-Żurrieq.
- Inxtrat bandiera ġdida u kbira taż-Żurrieq.
- Saret manutenzjoni fl-aperturi tal-librerija lokali u inxtraw skrivaniji għall-istess librerija.
- Twaħħlu tliet tabelli sabiex jindikaw id-dħul għal-librerija lokali.
- Saret attivita ġdida 'Festa Ħut' u ngħataw ukoll Ġieħ iż-Żurrieq u l-Premju Ċittadin Ewlieni.
- Ġie ffurmat il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.
- Qed jitħejja rapport biex inkunu nafu x'hemm bżonn li jitranġa fil-playing fields, sabiex ikunu aktar siguri għat-tfal li jużawhom.
- Saru diversi laqgħat mat-Transport Malta, fejn il-Kunsill reġa ressaq t-talbiet tal-Kunsill Lokali Żurrieq biex isiru dawk it-toroq ta' mingħajr wiċċ li kienu mwiegħda li jsiru. Din is-sena saru – Triq Fortunato Dalli, Triq Napuljun, Triq it-Tin, Triq Dun Nard Mallia, Triq l-iskulturi Fabri, Triq il-Qiegħa, Triq San Bastjan, Triq ġdida fi Triq San Martin, Triq Kalanġ Buġeja u wiċċ ġdid lill Misraħ Mattia Preti u Triq PP Saydon.
- Ma' Transport Malta saru ukoll diversi laqgħat ta' konsultazzjoni dwar l-immaniġġjar tat-traffiku, speċjalment fi Vjal ix-Xarolla u Triq Sant Andrija.
- Intalab permess biex Triq Sant Andrija ssir 'one way' u din is-sistema bidet titħaddem mill-aħħar tas-sena.
- Inħarġet tender biex jibda proġett ta' tisbieħ fi Triq in-Nigret u nbeda x-xogħol tiegħu.
- Il-Kunsill applika għall-proġetti 313 u 323 – fondi mill-Unjoni Ewropea fuq żewġ proġetti sabiex isir titjib ambjentali fiż-żoni rurali ta' Ħal-Millieri u fl-istess ħin wieħed jiġbed aktar turiżmu lejn dawn il-postijiet. Il-valur ta' dawn iż-żewġ proġetti jlaħħaq qrib l-€400,000. Dan ix-xogħol beda f'din is-sena u hu maħsub li jkun lest fil-bidu tas-sena 2013.
- Fl-iskema tal-PPP sar ftehim bejn il-Kunsill, il-gvern u l-privat biex fi żmien sena jsiru ċerti toroq li diġa fihom wiċċ pero li jkunu fi stat ħażin. Il-Kunsill għamel talba għal tlettax il-triq. Il-Gvern tana tlieta għal din is-sena li huma : Vjal l-Indipendenza, Triq Gużeppi Mattew Callus u Triq Filippu Farrugia.
- Żdiedu s-siġar fejn kien hemm spazju u fjuri f'ċertu postijiet.

- Saru diversi laqghat mal-MTA biex bi sħab mal-Kunsill isir proġett ta' tisbieħ fil-Ġnien tal-Ġibjun, dan ix xogħol ippjanat li jibda fis- sena 2012.

- Twaħħlet notice board fi Triq PP Saydon fejn wieħed ikun jista jsegwi l-permessi tal-MEPA.

- Tneħħew ammont ta' sleeping policeman fuq talba tat-Transport Malta biex kollox jiġi regolarizzat u saru refresh ta' hafna mill-marki tat-toroq

- Sar bexx lis-siġar tal-palm li għadhom mhedda mill-insett Red Palm Weevil.

- Saru diversi laqgħat mat-TM fuq ix-xogħol tat-terminus il-ġdid f'Misraħ Mattia Preti li bis-saħħa tagħhom ingħatha wiċċ ġdid lil Triq P P Saydon u parti minn Triq il-Ħaddiema u anke akkwistajna 6 fanali ġodda għal Pjazza Mattia Preti.

- Ingħatat l-injection tal-influenza lill-anzjani 'l fuq minn 55 sena.

- Saru attivitajiet sportivi fosthom il-15th Half Marathon u l-logħob tal-boċċi fil-pitch ta' Ġnien il-Ġibjun

- Saret wirja ta' karozzi antiki taħt l-isem Classic Sport Car Club Malta

- Il-Kunsill ġie assenjat 3 persuni mill-iskema tal-ETC biex jgħinu fix-xogħol tal-Kunsill.

- Ħarġu 4 Kunsill News biex inżommu lir-residenti infurmati.

## 3.3 Organizazzjoni

L-organizazzjoni tal-Kunsill hi magħmula hekk:




Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill jaħdem bi prattiċita l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din għandha ssir bl-aħjar mod bejn l-istruttura organizzativa fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku. Ir-rwoli ta' dawk involuti għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn il-Kunsillieri bħala *policy makers* jmexxu l-pjan ta' ħidma tagħhom, filwaqt li l-amministratturi jeżegwixxu l-*policies* bl-aħjar mod possibli.

Fil-globalita tagħha, l-organizazzjoni trid tkun aspirata minn rieda ta' ħidma kollettiva, b'assigurazzjoni fix-xogħol ta' kuljum li jitwettaq minn kull membru li jinsab fiha. L-objettivi jridu jkunu mibnija fuq żewġ sisien prinċipali - l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq u biex b'ekonomija, effiċjenza u effetivita jkollha l-aħjar paragun ta' kost possibli. L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin.

## 3.4 Kumitat Amministrattiv Bubaqra

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li hu kompost minn 5 membri – Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Sciberras, u l-Membri Annetto Bugeja, Joseph Caruana u Joseph D'Amato.

Il-Membri flimkien ma' l-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddija lilhom fi ħdan il-Kunsill kienu:

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia : Proġetti Kapitali

Il-Viċi Chairpeson Maria Schembri: Attivitajiet

Il-Membru Annetto Bugeja : Attivitajiet

Il-Membru Joseph Caruana : Manutenzjoni tat-Toroq u Bankini

Il-Membru Joseph D'Amato : Manutenzjoni tat-Toroq u Bankini

**Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill**

Bejn l-1 ta' Jannar, 2012 u l-31 ta' Diċembru 2012 inżammu tlettax il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li l-attendenza għalihom kienet:

| | Preżenti | Skuzati | Assenti |
|---|---|---|---|
| Ic-Chairperson Pierre Farrugia | 12 | 0 | 0 |
| Il-Viċi Chairperson Maria Schembri | 12 | 1 | 0 |
| Il-Membru Joseph D'Amato | 11 | 1 | 0 |
| Il-Membru Annetto Bugeja | 10 | 2 | 0 |
| Il-Membru Joseph Caruana | 12 | 0 | 0 |

**Ħidma tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra**

1. *Sar il-patching fit-toroq kollha taż-żona.*
2. *Saru bankini ġodda jew li kellhom bżonn jinbidlu..*
3. *Refresh tas-sinjali kollha ta' Bubaqra.*
4. Ħa ħsieb li s-*sistema tat-tindif ta' knis mit-toroq. Saret sistema' ta' darbtejn fil-*ġimgħa li dejjem ikunu l-istess ġranet li huma l-Ġimgħa u s-Sibt.
5. *Baqa' jiġi ppublikat il-leaflet għal Bubaqra li joħroġ tlett darbiet fis-sena.*
6. *Tisqija tal-pjanti u siġar li hemm fiż-żona ta' Bubaqra.*
7. *Qtugħ ta' ħaxix mit-toroq iktar frekwentati.*
8. *Wasal il-permess mill-Mepa biex isir tisbieħ f'biċċa art li qiegħda fi Triq Fra Gammari Żammit li ng*ħatat lill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra bħala grant għal €50 fis-sena. Fi ftit xhur oħra tinħareġ tender biex jibda x-xogħol.
9. *Sar wiċċ* ġdid fi Triq Gożwalda Calleja minn fondi li applika għalihom l-istess Kumitat Amministrattiv u sar wiċċ ġdid lil Triq Dun Nard Mallia permess tal-fondi mogħtija mill-Gvern li jlaħqu għall-€70,000.
10. Qed isir studju fuq Triq Zakkarija Ronkali u l-madwar biex jitjieb it-traffic management u saret u saret applikazzjoni mat-TM biex ikun approvat.
11. Saru arranġamenti mal-Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura fejn ġew irranġati l-Imtali.
12. Saret bankina tul art kbira fi Triq G M Callus k/m Triq Fra Gammari Zammit.
13. *Saru bollards biex jipproteġu l-kappella ta' Sant Agatha u bollards minflok bank fejn il-palazz tal-Misraħ* u l-bank li inqala' twaħħal fl-istess Misraħ.
14. Saret kurduna madwar l-art mitluqa fi Triq il-Qiegħa.
15. Ġew installati dog bins.
16. Inqala' arblu fi Triq Dun Nard Mallia.

17. *Reġa sar it-Tieġ Malti b'kollaborazzjoni mall-Ministeru tat-Turiżmu, Ministeru tal-Kunsilli Lokali u l-Għaqda tal-Banda ta' Santa Katerina. Dan sar ġewwa żona ta' Bubaqra għat-tieni darba.*

18. *Il-Kumitat Amministrattiv* żied żewġ ornamenti tal-milied b'dawl LED u reġa ġie armat il-presepju fil-Misraħ.

19. *Saret attivita'* żgħira fl-Għid il-Kbir fejn inbiegħu l-figolli li għamlu l-istess residenti ta' Bubaqra u l-qliegħ taghhom mar kollu għal Puttinu Cares fil-bottijiet li ġabu huma stess.

20. *Sar riċeviment għat tfal ta' Bubaqra fejn kien hemm konkorrenza kbira. Dan sar kollu permezz ta' sponsors minħ*abba li riċevimenti ma jistgħux isiru mill-Kunsill/Kumitati Amministrattivi.

21. *Għal sena oħra l-Kumitat Amministrattiv reġgħa applika biex jieħu għajnuna ta' fondi sabiex ikun jista jerġa jtellgħa attivita' kulturali f'Bubaqra. Għal din is-sena wkoll reġgħa stieden lill-għaqdiet kollha taż-Żurrieq, fejn applikaw iż-żewġ soċjetajiet mużikali li offrew attivita' kull wieħed.*

22. *Sar rapport mill-Perit tal-Kunsill fuq l-g*ħargħar li qed ikun hemm fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq San Martin.

23. Sar ftehim mal-Kunsill Lokali sabiex il-ħaddiema tal-IPSL/ETC assenjanti mal-Kunsill, kull nhar ta' Ġimgħa jagħtu s-servizz tagħhom f'Bubaqra.

## 3.5 Konklużjoni

*Il-Kunsill Lokali Żurrieq, permezz tal-ħidma mwettqa matul din il-leġislatura, ser ikun qed iħalli mpatt qawwi fuq il-lokalita u r-residenti. F'din is-sena l-popolazzjoni reġgħet żdiedet għal 15,154 ruħ.*

*In-nefqa pubblika tal-Kunsill trid tkompli tissoda u twassal biex ikun hemm aktar relazzjoni mal-bżonnijiet tal-lokalita' u li tħalli nvestiment rejali u tanġibbli. L-indafa u l-manutenzjoni tat-toroq għandhom jibqgħu fuq quddiem tal-ħidma tal-Kunsill.*

*Għal din is-sena l-Kunsill Lokali kellu waħda mill-impjegati spiċċat* bil-maternity leave u wara li daħlet lura għall-impjieg qalbet bir-reduce hours għalhekk ix-xogħol li kien qed isir qabel qed jinqasam aktar bejn l-impjegati li jaħdmu full time. Waqt li l-impjegata kienet fuq maternity, l-impjegata li taħdem full time bdiet taħdem siegħat overtime biex jitlaħħaq ix-xogħol.

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**
Jannar, 2013

## 2.1 Consolidated Estimates of Income and Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2012 (Euro) | ACTUAL 2012 (Euro) | BUDGET 2013 (Euro) | VAR BUD-BUD (Euro) | VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | 991,035.00 | 660,560.00 | 1,236,408.00 | 245,373.00 | 575,848.00 |
| 0020 | Bye-laws | 58,000.00 | 126,798.00 | 97,000.00 | 39,000.00 | (29,798.00) |
| 0090 | Investment | 6,800.00 | 5,515.00 | 5,000.00 | (1,800.00) | (515.00) |
| 0100 | General | 0.00 | 1,500.00 | 3,000.00 | 3,000.00 | 1,500.00 |
| | TOTAL | **1,055,835.00** | **794,373.00** | **1,341,408.00** | **285,573.00** | **547,035.00** |
| 1 | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal emoluments | 115,027.00 | 107,779.00 | 109,885.00 | (5,142.00) | 2,106.00 |
| 2000 | Operations and maintenance | 487,096.00 | 571,663.00 | 576,295.00 | 89,199.00 | 4,632.00 |
| 7000 | Capital Expenditure | 453,712.00 | 210,855.00 | 655,044.00 | 201,332.00 | 444,189.00 |
| | TOTAL | **1,055,835.00** | **890,297.00** | **1,341,224.00** | **450,927.00** | **450,927.00** |
| | **Balance** | **0.00** | **(95,924.00)** | **184.00** | **184.00** | **96,108.00** |

## 2.2 Detailed Estimates of Income

| ACCT NO. | DESCRIPTION | a<br>BUDGET 2012 (Euro) | B<br>ACTUAL 2012 (Euro) | c<br>BUDGET 2013 (Euro) | c-a<br>VAR BUD-BUD (Euro) | c-b<br>VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | | | | | |
| 0001 | Annual | 721,889.00 | 709,268.55 | 723,954.00 | 2,065.00 | 14,685.45 |
| 0002 | Supplementary | 514,519.00 | 198,395.03 | 291,276.00 | | |
| 0003 | Special needs | | | 514,519.00 | 514,519.00 | 514,519.00 |
| 0004 | Public/government entities | | | | | |
| 0015 | Other | | 12,343.64 | | 0.00 | (12,343.64) |
| | | **1,236,408.00** | **920,007.22** | **1,529,749.00** | **293,341.00** | **609,741.78** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | |
| 0021 | Community Services | 47,000.00 | 12,374.19 | 13,000.00 | (34,000.00) | 625.81 |
| 0036 | Contravention of bye-laws | 45,000.00 | 23,697.63 | 24,000.00 | (21,000.00) | 302.37 |
| 0056 | Contributions and donations | | 350.00 | 500.00 | | |
| 110 | Donations Receivable | | | | | |
| 0066 | General | 5,000.00 | 11,227.54 | 11,000.00 | 6,000.00 | (227.54) |
| | | **97,000.00** | **47,649.36** | **48,500.00** | **(48,500.00)** | **850.64** |
| 0090 | Investment | | | | | |
| 0091 | Bank interest | 5,000.00 | 3,963.49 | 4,000.00 | (1,000.00) | 36.51 |
| 0096 | Government securities | | | | | |
| | | **5,000.00** | **3,963.49** | **4,000.00** | **(1,000.00)** | **36.51** |
| 0100 | General | | | | | |
| 0110 | Donations | 3,000.00 | | | | |
| 0120 | Contributions | 0.00 | | | 0.00 | 0.00 |
| | | **3,000.00** | **0.00** | **0.00** | **(3,000.00)** | **0.00** |
| | **TOTAL** | **1,341,408.00** | **971,620.07** | **1,582,249.00** | **240,841.00** | **610,628.93** |

## 2.3 Detailed Estimates of Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2012 (Euro) | ACTUAL 2012 (Euro) | BUDGET 2013 (Euro) | VAR BUD-BUD (Euro) | VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | | | | | |
| 1100 | Mayor's allowance | 8,000.00 | 10,084.82 | 11,000.00 | 3,000.00 | 915.18 |
| 1200 | Employee salaries and wages | 73,000.00 | 73,282.41 | 73,500.00 | 500.00 | 217.59 |
| 1300 | Bonuses | 7,285.00 | 7,593.46 | 7,600.00 | 315.00 | 6.54 |
| 1400 | Income supplements | | | | 0.00 | 0.00 |
| 1500 | Social Security contributions | 6,900.00 | 6,394.11 | 6,500.00 | (400.00) | 105.89 |
| 1600 | Allowances | 12,700.00 | 11,939.24 | 12,000.00 | (700.00) | 60.76 |
| 1700 | Overtime | 2,000.00 | 2,220.92 | 2,600.00 | 600.00 | 379.08 |
| | | **109,885.00** | **111,514.96** | **113,200.00** | **3,315.00** | **1,685.04** |
| 2000 | Operations and maintenance | | | | | |
| 2100 | Utilities | 8,000.00 | 11,451.76 | 10,500.00 | 2,500.00 | (951.76) |
| 2200 | Materials and supplies | 2,000.00 | 2,723.65 | 2,500.00 | 500.00 | (223.65) |
| 2300 | Repair and upkeep | 92,500.00 | 105,480.36 | 91,918.00 | (582.00) | (13,562.36) |
| 2400 | Rent | 6,200.00 | 2,750.60 | 2,700.00 | (3,500.00) | (50.60) |
| 2500 | International memberships | 1,000.00 | 558.29 | 600.00 | (400.00) | 41.71 |
| 2600 | Office services | 6,000.00 | 7,472.83 | 7,500.00 | 1,500.00 | 27.17 |
| 2700 | Transport | 2,000.00 | 2,084.50 | 1,800.00 | (200.00) | (284.50) |
| 2800 | Gemellaggi | 3,500.00 | 1,695.40 | 3,500.00 | 0.00 | 1,804.60 |
| 2900 | Information services | 4,800.00 | 5,498.88 | 5,450.00 | 650.00 | (48.88) |
| 3000 | Contractual services | 292,110.00 | 274,832.97 | 265,160.00 | (26,950.00) | (9,672.97) |
| 3100 | Professional services | 16,800.00 | 31,939.43 | 12,700.00 | (4,100.00) | (19,239.43) |
| 3200 | Training | 1,500.00 | 0.00 | | (1,500.00) | 0.00 |
| 3300 | Community and hospitality | 25,000.00 | 30,655.46 | 30,000.00 | 5,000.00 | (655.46) |
| 3400 | Incidental expenses | | | | | |
| 3600 | LES Enforcement | 5,000.00 | 1,610.25 | 1,600.00 | (3,400.00) | (10.25) |
| 8000 | Depreciation | | | | | 0.00 |
| | | **466,410.00** | **478,754.38** | **435,928.00** | **(30,482.00)** | **(42,826.38)** |
| 7000 | Capital Expenditure | | | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | | | | |
| 7100 | Construction | | | | | |
| 7200 | Improvements | 7,220.00 | 8,476.54 | 4,300.00 | (2,920.00) | (4,176.54) |
| 7300 | Equipment | 1,000.00 | 5,079.24 | 1,000.00 | 0.00 | (4,079.24) |
| 7500 | Special programmes | 646824.00 | 459672.75 | 770739.00 | 123,915.00 | 311,066.25 |
| | | **655,044.00** | **473,228.53** | **776,039.00** | **120,995.00** | **302,810.47** |
| | **TOTAL** | **1,231,339.00** | **1,063,497.87** | **1,325,167.00** | **93,828.00** | **261,669.13** |

## 5.1 Kontijiet tas-Savings

### 5.1.1 Kont tas-Savings – HSBC – 784057692050

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **115,456.86** |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2012 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **115,456.86** |

### 5.1.2 Kont tas-Savings – BOV – 17905262020

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **6,976.18** |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2012 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **6,976.18** |

### 5.1.3 Kont tas-Savings – APS – 12418510017

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **9.82** |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2012 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **9.82** |

## 5.2 Kontijiet Kurrenti

### 5.2.1 Kont Kurrenti – HSBC – 78057692001

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **(5,361.13)** |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2012 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **(5,361.13)** |

Josianne Cilia Mumford
Segretarju Eżekuttiv

## 5.2.2 Kont Kurrenti – BOV – 17905262017

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **86,877.18** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2012 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **86,877.18** |

## 5.2.3 Kont Kurrenti – HSBC – 78057692401

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **0.15** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2012 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **0.15** |

## 5.3 Kontijiet Fissi

## 5.3.1 Kont Fiss – BOV – 40018197570

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **203,000** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2012 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **203,000** |

## 5.4 Kontijiet Kurrenti Reserved

## 5.4.1 Kont Kurrenti Reserved – BOV – 40011321000

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **3,836.40** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2012 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **3,836.40** |
| | |

## 5.4.2 Kont Kurrenti Reserved – BOV – 40014856831

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 4,290.91 |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2012 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 4,290.91 |
| | |

## 5.4.23kont Kurrenti Kumitat Amministrattiv Bubaqra – BOV – 78057692002

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | (17,056.31) |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2012 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Bilanċ Nett tal-Bank | (17,056.31) |
| | |

## Petty Cash Account

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni | 209.86 |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2012 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni | |
| Bilanċ Nett | 209.86 |
| | |

## 5.3.4 Kont Savings BOV – Measure 313 40019290476

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 53,306.94 |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2012 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 53,306.94 |

## *5.3.5 ont Savings BOV – Measure 323 40019290463*

| | |
|---|---|
| ***Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank*** | ***64,382.89*** |
| *Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2012 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| *Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank* | |
| ***Bilanċ Nett tal-Bank*** | ***64,382.89*** |

*Josianne Cilia Mumford*
*Segretarju Eżekuttiv*

## 6.1 Rapport tal-Awdituri u l-Istqarrijiet Finanzjarji

*Fil-paġni segwenti jinstabu r-rapport ta' l-Awdituri u l-Istqarrijiet Finanzjarji.*